

# Bidla fit-tmexxija tal-Arċidjoċesi ta' Malta

Hector Farrugia

Nhar is-Sibt, 18 ta' Ottubru 2014, is-*Santa Sede* ħabbret uffiċjalment illi l-Q.T. il-Papa Franġisku aċċetta r-riżenja tal-Arċisqof Metropolita ta' Malta, Mons Pawlu Cremona, OP, wara talba li l-istess Arċisqof għamel ftit ġimgħat qabel.

Mons Cremona għad għandu biss 68 sena u dan kiteb paġna ġdida fl-istorja tal-Knisja Maltija għax huwa l-ewwel Arċisqof li rriżenja minħabba raġunijiet ta' saħħa meta suppost isqfijiet jirreżenjaw meta jagħlqu l-75 sena. Dan l-aħħar Mons Cremona kellu



L-E.T. Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona waqt żjara fil-Każin fl-2007 fejn sar it-Tiġdid tal-Kongregazzjoni tal-Każin.

jħassar diversi mpenji u attivitajiet minħabba l-istat ta' saħħtu u dan ġiegħlu jieħu dan il-pass fl-interess tal-Knisja Maltija.

L-Arċisqof Cremona kellu kariżma sabiħa ħafna u tista' tgħid li apparti l-ħidma normali tiegħu fl-Arċidjoċesi, huwa laħaq għamel diversi viżti pastorali fl-ibliet u fl-irħula Maltin, fosthom fir-raħal tagħna ta' Ħal Luqa. Huwa nħatar bħala Arċisqof Emeritu tal-Arċidjoċesi Maltija.

Fl-istess waqt, il-QT il-Papa Franġisku ħatar lill-Isqof Awżiljarju Mons Charles J Scicluna bħala Amministratur Appostoliku għall-Arċidjoċesi Maltija *sede vacante*, bl-awtorità li jmexxi l-Arċidjoċesi sakemm jinħatar Arċisqof ġdid.



L-Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Quddiesa Solenni tal-festa nhar it-30 ta' Novembru 2012 wara l-ħatra tiegħu ta' Isqof Awżiljarju.

## Ħatra ta' Arċisqof ġdid għall-Arċidjoċesi ta' Malta

Nhar il-Gimgħa, 27 ta' Frar, 2015, is-Santa Sede ħabbret uffiċjalment illi l-Isqof



Il-Kumitat u s-Sezzjonijiet tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija flimkien mal-E.T. Charles Scicluna, Arċisqof ta' Malta.

Awżiljarju Mons Charles Jude Scicluna, li kien qed jaġixxi bħala Amministratur Appostoliku Sede Vacante tal-Arċidjoċesi Maltija, inħatar mill-Q.T. il-Papa Franġisku biex ikun is-suċċessur tal-Arċisqof Emeritus Mons Pawlu Cremona bħala Arċisqof Metropolita tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Mons Scicluna twieled fl-1959 f'Toronto l-Kanada. Kien ordnat saċerdot fl-1986 u kompla l-istudji tiegħu f'Ruma u hemmhekk iggradwa fil-Liġi Kanonika mill-Università Gregorjana. Minkejja li s-superjuri tiegħu rieduh jibqa' Ruma, huwa kien intalab jiġi Malta biex jgħallem fl-Università. Ħadem ukoll fit-Tribunal tal-Knisja.

Fl-1995 Monsinjur Scicluna kien nominat Promutur tal-Ġustizzja fit-Tribunal Suprem tal-Papa. Fl-2002, ġie nominat Promutur tal-Ġustizzja fit-Tribunal il-ġdid tal-Vatikan. Hawnhekk huwa ħadem mal-Kardinal Josef Ratzinger, li aktar tard ġie elett bħala Papa, fuq il-każi ta' abbużi sesswali mwettqa minn membri tal-Knisja fuq minorenni.

Il-midja Taljana La Stampa qalet li n-nomina ta' Monsinjur Scicluna għal kariga aktar għolja fi ħdan il-Knisja kienet ilha mistennija, hekk kif dejjem wera lealtà u ħadem għall-ġid tal-Knisja Universali.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa issa sejjaħ lil Mons Scicluna biex ikun membru tal-Kulleġġ tal-Isqfijiet u afdah bil-missjoni li jaħdem fil-Knisja ta' Malta taħt it-tmexxija tal-Arċisqof Mons Pawlu Cremona.

Mons Charles Scicluna li matul l-aħħar snin kien Promutur tal-Ġustizzja fil-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi fil-Vatikan, kien ħa l-post vakat bil-mewt tal-Isqof Awżiljarju Mons Annetto Depasquale li miet f'Novembru 2011. In-nomina tiegħu għal Isqof Awżiljarju ta' Malta kienet tħabbret fil-Knejjes kollha ta' Malta.

L-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu kienet saret nhar l-24 ta' Novembru 2012 fil-Kon Katidral ta' San Ġwann u tmexxiet mill-E.T. l-Arċisqof ta' Malta, Mons Pawl Cremona, mill-Arċisqof Emeritus Mons Ġużeppi Mercieca u mill-Isqof ta' Għawdex Mons Mario Grech u li għaliha attendew diversi persuni distinti.

L-Arċisqof il-ġdid Mons Charles Scicluna għamel l-Ingress Solenni tiegħu fil-Katidral tal-Imdina nhar is-Sibt, 21 ta' Marzu 2015 eżattament fil-bidu tal-istaġun tar-Rebbiegħa. Mons Scicluna diġà ġie kkonsagrat bħala Isqof meta nħatar bħala Isqof Awżiljarju għal Arċisqof Pawlu Cremona u allura ma' kellux bżonn il-konsagrazzjoni bħala Isqof, imma ssir iċ-ċerimonja tal-insedjament tiegħu bħala Arċisqof Metropolita meta l-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona wasslu sas-Sedja li kien jokkupa hu fuq l-artal tal-Katidral.

F'dak li għandu x'jaqsam mar-raħal tagħna, tajjeb li nfakkru li fost l-ewwel żjarat li kien għamel Mons Scicluna bħala Isqof Awżiljarju, kien meta ġie jippresiedi l-Quddiesa solenni f'Jum il-Festa Liturġika ta' Sant'Andrija Appostlu nhar it-30 ta Novembru 2012.